



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14487/19

COHAFA 102
COJUR 13
RELEX 1098

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14077/19 + 14077/19 COR 1	
Suġġett:	Għajjnuna Umanitarja u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għajjnuna umanitarja u d-dritt umanitarju internazzjonali, kif adottati mill-Kunsill fit-3732 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Novembru 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja u d-Dritt Umanitarju
Internazzjonali**

1. Fis-sena tas-70 anniversarju tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għar-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL) u għall-promozzjoni tiegħu, kif implimentati fil-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni ta' Konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Il-Kunsill jissottolinja li d-dritt internazzjonali, inkluż l-IHL, huwa għodda mill-aktar b'saħħha li għandha l-komunità internazzjonali biex tiżgura l-protezzjoni u d-dinjità tal-persuni kollha. Il-Kunsill ifakkar fl-obbligu li jiġi rrispettat l-IHL u li jiġi żgurat ir-rispett għall-IHL fiċ-ċirkostanzi kollha u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji umanitarji u l-oġettivi tal-azzjoni umanitarja kif imniżżla fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. L-UE ser tkompli tagħmel l-almu tagħha biex issaħħaħ il-multilateraliżmu effettiv u tippromwovi ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli fejn l-ebda stat jew individwu ma jitqies 'il fuq mil-liġi u l-ebda persuna ma hija barra mill-protezzjoni tal-liġi.
2. Il-Kunsill jilqa' t-33 Konferenza Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, li ser issir f'Ġinevra f'Diċembru 2019. Din hija pjattaforma unika li tlaqqa' flimkien l-istati, il-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, kif ukoll atturi rilevanti oħra fil-qasam umanitarju. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati għal diskussjonijiet kontinwi dwar ir-rispett għall-IHL u l-prinċipji umanitarji u l-implimentazzjoni u t-tisħiħ ulterjuri tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-Soċjetajiet Nazzjonali tas-Salib l-Aħmar rispettivi tagħhom. Il-Kunsill jirrikonoxxi b'mod partikolari r-rwol importanti tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) bħala gwardjan u promotur tad-dritt umanitarju internazzjonali.

3. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-għadd dejjem jikber ta' ksur apposta tal-IHL u jappella lill-partijiet kollha għall-konflitti kollha, inkluż il-gruppi armati mhux statali, biex jirrispettaw l-IHL u l-prinċipji umanitarji. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-impunità għal delitti atroċi u tfakkar li l-Istati kollha għandhom l-obbligu li jinvestigaw u, jekk xieraq, iħarrku jew jestraddixxu s-suspetti ta' ksur serju tal-IHL, irrispettivament min-nazzjonalità tal-awturi jew fejn twettqu r-reati, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u tal-liġi nazzjonali. L-UE tissottolinja r-rwol komplementari importanti tal-Qorti Kriminali Internazzjonali f'każ li Stat ma jkunx jista' jew ma jkunx jixtieq iwettaq investigazzjoni jew prosekuzzjoni ġenwina. L-UE tagħraf ukoll il-kontribut kruċjali tal-mekkaniżmi reġjonali ta' responsabbiltà biex jiddokumentaw il-ksur serju tal-IHL u jiżguraw li tintrefa' r-responsabbiltà. L-UE tħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati biex jiżguraw protezzjoni adegwata għall-vittmi u s-superstiti ta' vjolenza sesswali u sessista f'konflitti armati u biex jinvestigaw u jħarrku lill-awturi ta' dawn id-delitti.
4. L-UE ser tkompli tippromwovi l-konformità mal-IHL u l-prinċipji umanitarji fl-attivitajiet tagħha stess kif ukoll fir-relazzjonijiet tagħha ma' partijiet terzi, kif espress fil-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni ta' Konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali. L-UE ser toħroġ rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. L-UE tafferma mill-ġdid l-intenzjoni tagħha li ttejjeb il-koerenza, il-komplementarjetà u l-koordinazzjoni bejn id-diversi politiki u azzjonijiet tagħha fil-promozzjoni u l-iżgurar tar-rispett għall-IHL fiċ-ċirkostanzi kollha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fit-tisħiħ tal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-oqsma tal-ġustizzja kriminali internazzjonali u l-IHL. Il-Kunsill itenni wkoll l-importanza li r-rispett għall-IHL jiġi integrat fil-firxa sħiħa tal-isforzi ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE. F'dan ir-rigward, l-UE tfakkar ukoll fl-importanza ewlenija attribwita għar-rispett u l-promozzjoni tal-IHL fil-Kunċett tal-UE dwar il-Koordinazzjoni Effettiva Ċivili-Militari b'Appoġġ għall-Għajnuna Umanitarja u l-Għajnuna f'Każ ta' Diżastru¹.

¹ Approvat mill-Kumitat Militari tal-UE fit-30 ta' Jannar 2019, 5536/19

5. L-UE ser tfittex modi innovattivi biex tippromwovi l-għarfien dwar l-IHL u tenfasizza r-rwol importanti tas-Soċjetajiet Nazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-KISA kif ukoll il-Kumitati Nazzjonali tal-IHL f'dan il-kuntest. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isaħħu l-isforzi tagħhom biex ixerrdu l-IHL fl-UE u lil hinn minnha, b'mod partikolari lill-forzi armati u lill-atturi armati mhux statali. L-UE tilqa' s-Sejħa Umanitarja għal Azzjoni bħala għodda utli ta' miżuri prattiċi biex jissaħħaħ id-dritt umanitarju internazzjonali, titrawwem azzjoni umanitarja bi prinċipji u b'hekk jitħares l-ispazju umanitarju.
6. L-UE tfakkar li l-partijiet f'konflitti armati għandhom l-obbligu primarju li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni taħt il-kontroll tagħhom. Huwa essenzjali li l-istati u l-partijiet kollha f'konflitti armati jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jippermettu u jiffaċilitaw il-passaġġ rapidu u bla xkiel tas-sokkors umanitarju. L-UE hija mħassba serjament dwar l-użu indiskriminat ta' armi splussivi f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni u l-impatt ta' tali użu fuq il-popolazzjoni ċivili u oġġetti ċivili. L-UE ser tkompli tfittex li ttejjeb il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, li hija l-aktar li tintlaqat ta' spiss mill-ksur serju tal-IHL, filwaqt li tibqa' konxja li rġiel, nisa, subien u bniet ta' etajiet u sfondi differenti jiġu affettwati b'modi differenti u tagħraf il-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet, ir-riżorsi u l-opportunitajiet tagħhom f'dan ir-rigward.
7. L-UE ser tkompli tippromwovi l-protezzjoni ta' ħaddiema umanitarji u mediċi f'żoni ta' konflitt. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-għadd dejjem jikber ta' attacchi fuq persunal u faċilitajiet umanitarji u mediċi kif ukoll fuq l-infrastruttura pubblika, li jaffettwaw direttament is-sikurezza u s-saħħa tal-popolazzjoni ċivili. L-UE tappella lill-istati u lill-atturi mhux statali biex iwaqqfu dawn l-attakki immedjatament u biex joqogħdu lura milli jwettqu aktar attacchi fil-futur. Il-Kunsill ifakkar fir-Riżoluzzjoni 2286 (2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-protezzjoni tal-kura tas-saħħa f'konflitt armat, u jafferma mill-ġdid li skont id-dritt umanitarju internazzjonali l-persunal umanitarju kollu huwa intitolat għal rispett u protezzjoni. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa wkoll inizjattivi oħra, bħall-inizjattiva tal-Kura tas-Saħħa fil-Periklu mill-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar.

8. Il-Kunsill jilqa' r-Riżoluzzjoni 2462 (2019) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, li tagħraf il-ħtieġa li jittieħed kont tal-effett potenzjali ta' miżuri kontra t-terroriżmu fuq attivitajiet esklużivament umanitarji, fosthom attivitajiet mediċi, li jitwettqu minn atturi umanitarji imparzjali. Il-Kunsill jinnota li l-atturi umanitarji ta' spiss jaħdmu f'ambjenti operattivi fil-preżenza probabbli ta' entitajiet deżinjati jew sanzjonati, jew li jkunu taħt il-kontroll dirett tagħhom. Filwaqt li jagħraf l-importanza tal-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' flussi finanzjarji illeċiti għal organizzazzjonijiet u networks terroristiċi, il-Kunsill, f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà, itenni li kwalunkwe miżura tal-UE, inkluż it-tfassil u l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi u l-miżuri kollha kontra t-terroriżmu, għandha tkun f'konformità mal-obbligi kollha skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, u d-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kunsill ser ifittex li jevita kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq l-azzjoni umanitarja u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-miżuri domestiċi kontra t-terroriżmu u l-miżuri restrittivi jkunu f'konformità mad-dritt internazzjonali.
9. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-ħtiġijiet umanitarji li qed jikbru b'mod rapidu madwar id-dinja u jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tirrispondi għalihom kemm fir-rigward tal-volum kif ukoll tal-effikaċja tal-finanzjament umanitarju, inkluż permezz ta' impenji bħal dawk magħmula mill-firmatarji għall-Grand Bargain. F'dan il-kuntest, l-UE ttenni wkoll l-appell tagħha lil organizzazzjonijiet umanitarji biex iżidu l-effiċjenza tar-rispons sabiex jiġi żgurat li kemm jista' jkun l-assistenza tmur direttament għall-benefiċjarji. L-UE tappella li ssir valutazzjoni kkoordinata tal-ħtiġijiet tad-diversi partijiet ikkonċernati, sabiex tingħata bażi aktar preċiża għad-deċiżjonijiet ta' finanzjament u rispons.

10. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tiegħu li juża l-għajnuna umanitarja tal-UE biex jindirizza aħjar il-ħtiġijiet ta' daww fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż in-nisa u t-tfal, u daww l-aktar friskju minħabba, pereżempju, id-diżabilità, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, l-etniċità, l-età jew ir-reliġjon. L-UE tagħraf ukoll ir-rwol tagħhom bħala atturi ewlenin fit-titjib ulterjuri tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-għajnuna umanitarja. L-UE tilqa' l-Linji Gwida tal-Kumitat Permanenti Interaġenziji (IASC) dwar l-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità f'Azzjoni Umanitarja adottati din is-sena u tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom fl-azzjoni umanitarja kollha f'konformità mal-impenji proprji tal-UE fil-qasam tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità.
11. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li jissaħħu l-koordinazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet u l-atturi umanitarji, ta' żvilupp u ta' paċi, kif imniżżel fl-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni² u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp adottati f'Mejju 2017³. Dan l-approċċ ta' "rabta tripla" jagħraf li s-sokkors umanitarju, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp fuq perijodu medju u fit-tul u l-approċċi u d-diplomazija għall-konsolidazzjoni tal-paċi, imwettqa skont il-mandati rispettivi tagħhom u d-dritt umanitarju internazzjonali, huma meħtieġa f'emerġenzi kumplessi u lil hinn, filwaqt li jiżgura li l-prinċipji umanitarji jiġu rispettati u osservati u jinżammu l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Sabiex tippromwovi rispons aktar effettiv, l-UE ser tkompli tapplika t-tagħlimiet meħuda minn attivitajiet pilota tal-UE dwar din ir-rabta fil-livell tal-pajjiż u tibni fuq il-kisbiet tagħhom.
12. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li l-komunità internazzjonali ssaħħa il-prevenzjoni tal-konflitti, tirsisti għar-risoluzzjoni tal-konflitti u tindirizza aħjar il-ħtiġijiet ta' żvilupp fil-kriżijiet umanitarji kollha, sabiex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill jissottolinja li l-multilateraliżmu effettiv huwa imperattiv u r-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti f'dan ir-rigward huwa essenzjali.

² L-Approċċ Integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni, 2 ta' Ġunju 2017

³ L-Operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Mejju 2017), 9383/17

13. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa u l-impenn li jiġi indirizzat b'mod aktar effettiv l-impatt umanitarju tat-tibdil fil-klima u li jiġu inklużi t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-bini ta' reżiljenza fl-attivitajiet rilevanti kollha. L-UE ttenni l-benefiċċji ta' azzjoni preventiva u antiċipatorja, kemm biex jiġu salvati l-ħajjiet kif ukoll biex titnaqqas il-ħsara materjali. L-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fil-livell nazzjonali u permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali tibqa' objettiv ewlieni għall-UE.
-